**A.L. 66 ta' l-1991**

## ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

### Statut li jemenda aktar l-Istatut 3 ta' l-Università ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dan l-Istatut li ġie magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 29 u 31 ta' dak l-Att.

**Titolu fil-qosor**

Dan l-Istatut jista' jissejjaħ Statut 3 ta' l-Università ta' Malta (Emenda Nru. 4) u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Istatut 3 ta' l-Università ta' Malta imdaħħal fl-Iskeda III ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni.

### Statut li jemenda aktar l-Istatut 3 ta' l-Università ta' Malta

**Emenda Nru. 4 ta' l-Istatut 3**

L-Istatut 3 — **Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjonijiet** huwa emendat kif ġej:—

Fis-sotto-paragrafu 1 tal-paragrafu 3.1:

Taħt ir-ras "Il-Fakultà tal-Liġi" sewwasew taħt il-kliem "Diploma of Legal Procurator — L.P." għandhom jidħlu l-kliem "Certificate in Diplomatic Studies".